The Malta Foundation
for the Wellbeing of Society

# FIL-BERAĦ

## L-ESPERJENZI TAT-TFAL TAL-UŻU TA' SPAZJI PUBBLIĊI


Produzzjoni tal-Istitut Nazzjonali għat-Tfulija
fi ħdan il-Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Socjeta'
Miktub minn Bernadine Satariano, Maureen Cole, Valerie Sollars, Sandra Hili Vassallo
Assistiti minn Xanthe' Schembri


## SETT TA' GĦODOD

### KIF TINVOLVI LIT-TFAL U LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ FID-DISINN TA' SPAZJI MIFTUĦA



Il-Fondazzjoni ta' Malta Għall-Ġid tas-Soċjeta'

# SETT TA' GĦODOD

## KIF TINVOLVI LIT-TFAL U LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ FID-DISINN TA' SPAZJI MIFTUĦA

**Awturi:** Bernadine Satariano, Maureen Cole, Valerie Sollars, Sandra Hili Vassallo
**Assistent għar-Riċerka:** Xanthe' Schembri

## FIL-BERAĦ – OPEN SPACES

L-ESPERJENZI TAT-TFAL TAL-UŻU TA' SPAZJI PUBBLIĊI

FIL-KOMUNITA' TAGĦHOM

Ippubblikat f'Ġunju 2021

ISBN: 978-99957-933-9-5

Disinn u Stampar: Salesian Press

Illustrazzjonijiet: Freepik.com

# WERREJ


| | | | |
|---|---|---|---|
| **DEFINIZZJONIJIET** | | | **v** |
| **INTRODUZZJONI** | | | **1** |
| **IR-RAĠUNAMENT SOTTOSTANTI GĦALL-PROĠETT FIL-BERAĦ** | | | **3** |
| **L-INVOLVIMENT TAT-TFAL FIL-PROĠETT FIL-BERAĦ: SOMMARJU** | | | **5** |
| **IL-ĦIDMA PREPARATORJA QABEL IT-TNEDIJA TAL-PROĠETT** | | | **7** |
| | **Pass 1** | **Waqqaf it-tim ewlieni li jmexxi l-proġett** | **8** |
| | **Pass 2** | **Ifhem il-ħtiġijiet tal-lokalità** | **9** |
| | **Pass 3** | **Identifika l-eżiti u l-perjodi ta' żmien tal-proġett** | **11** |
| | **Pass 4** | **Ikkunsidra metodoloġiji, attivitajiet u għodod soġġetti għall-approvazzjoni tat-tfal** | **12** |
| | | L-Approċċ Mużajk | 14 |
| | | *Djarji tal-Ivvjaġġar* | 15 |
| | | *Tpinġijiet* | 15 |
| | | *In-Narrattivi tar-Ritratti* | 15 |
| | | *L-immappjar* | 16 |
| | | *Iddisinjar* | 17 |
| | | *Reġistrazzjonijiet bil-vidjow* | 17 |
| | **Pass 5** | **Ippromwovi l-proġett fi ħdan il-komunità** | **17** |
| | **Pass 6** | **Agħżel spazju aċċessibbli għal-laqgħat** | **18** |
| | **Pass 7** | **Informa lit-tfal jew liż-żgħażagħ dwar il-proġett** | **18** |
| | **Pass 8** | **Ikkuntattja lill-parteċipanti interessati** | **19** |
| | **Pass 9** | **Ikseb il-kunsens tal-ġenituri/kustodji u l-kunsens tat-tfal** | **21** |
| | **Pass 10** | **Ibda l-proġett** | **21** |
| **RAKKOMANDAZZJONIJIET FINALI** | | | **23** |
| **BENEFIĊĊJI TAL-PROĠETT** | | | **25** |
| **REFERENZI** | | | **27** |
| **ANNESSI** | | | **29** |

## LISTA TA' FIGURI


| | | |
|---|---|---|
| Figura 1 | Ippjanar pass pass | 7 |
| Figura 2 | Fatturi li jikkontribwixxu fil-ħsieb dwar il-ħtiġijiet tal-lokalità | 10 |
| Figura 3 | Karatteristiċi tad-disinn li għandhom jiġu kkunsidrati fl-ippjanar | 11 |
| Figura 4 | Pjan ta' azzjoni għall-eżiti u l-perjodi ta' żmien tal-proġett | 11 |
| Figura 5 | Għarfien dwar l-iskeda ta' żmien tal-proġett | 12 |
| Figura 6 | Pariri għall-ippjanar parteċipattiv b'suċċess | 13 |
| Figura 7 | Ir-rwol tat-tfal/taż-żgħażagħ fil-proġett | 13 |
| Figura 8 | Lista ta' metodi tal-approċċ Mużajk | 14 |
| Figura 9 | Tipi differenti ta' mapep | 16 |
| Figura 10 | Modi kif it-tfal jiġu involuti fil-proġett | 19 |

# DEFINIZZJONIJIET

## SPAZJU PUBBLIKU MIFTUĦ

Kull spazju aċċessibbli li ma jiġix żviluppat (m'għandux bini jew strutturi oħra mibnija) li spiss jattira utenti ta' etajiet, sessi u sfondi kulturali differenti (Francis, Wood, Knuiman u Giles Corti, 2012).

## SPAZJU BLU

Jirreferi għall-ilmijiet kollha viżibbli, ta' barra u naturali tal-wiċċ bil-potenzjal għall-promozzjoni tas-saħħa u l-benesseri tal-bniedem (Taylor u Hochuli, 2017).

## SPAZJU AĦDAR

Art li hija miksija parzjalment jew kompletament bil-ħaxix, siġar, arbuxxelli, jew veġetazzjoni oħra (Frimkin, 2013, Taylor u Hochuli, 2015).

## RIĊERKA MMEXXIJA MIT-TFAL

It-tfal u ż-żgħażagħ huma attivi u mhux biss jipparteċipaw fl-istudju ta' riċerka, iżda jinfluwenzaw ukoll id-direzzjoni li tieħu (Loebach u Gilliland, 2010).

## KONSULTAZZJONI FIR-RIĊERKA

Ir-riċerkaturi jisiltu informazzjoni mit-tfal u ż-żgħażagħ li tista' tintuża biex tinfluwenza il-politika , il-prattika u l-għażliet li jistgħu jaffettwaw lit-tfal u l-adoloxxenti (Greig u Taylor, 1999).

## RIĊERKA PARTEĊIPATTIVA

Tiżviluppa sħubija mat-tfal u l-adulti żgħażagħ biex tipprovdilhom l-opportunitajiet biex isawru l-proġett bis-sħiħ (Kemmis, McTaggart u Nixon, 2013).

## APPROĊĊ MUŻAJK

Mezz ta' ġbir ta' data mat-tfal li jinvolvi metodi multipli u li ma jkunx kompletament iffukat fuq intervisti, stħarriġ jew focus groups , iżda juża diversi eżerċizzji. Dawn jintużaw flimkien biex joħolqu l-istampa l-kbira – is-sett ta' data finali, u b'hekk jinħoloq l-effett mużajk (Clark u Moss, 2001).

*Il-kliem proġett, studju u riċerka ser jintużaw b'mod alternat biex issir referenza għall-istess kunċett. Bl-istess mod, it-termini żgħażagħ, adulti żgħażagħ u adolexxenti ser jintużaw b'mod alternat.*

*Dan is-sett ta' għodod huwa linja gwida pass pass tal-proċeduri li ġew segwiti matul l-iżvilupp u l-eżekuzzjoni tal-proġett bl-isem "Fil-Beraħ". Dawn il-proċeduri ġew adottati sabiex tiġi promossa r-riċerka parteċipattiva mat-tfal u ż-żgħażagħ, b'referenza speċifika għall-ilħna u l-perspettivi tagħhom meta jirreferu għall-ispazji tal-viċinanzi u d-disinn tagħhom. L-għan ta' dan id-dokument huwa li jaqsam fehim ta' metodi parteċipattivi li jistgħu jiġu applikati għal kwalunkwe proġett mat-tfal.*

*Rendikont fil-fond tal-proġett kollu ġie ppubblikat separatament. Il-proġett twettaq mill-Istitut Nazzjonali għat-Tfulija f'isem il-Malta Foundation for the Wellbeing of Society (Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjetà).*

# INTRODUZZJONI

Jista' jkun hemm diversi spazji pubbliċi f'viċinat li jinkludu l-madwar immedjat tal-viċinat, it-toroq, il-pjazez, il-parks lokali, l-ispazji għal-logħob tat-tfal u ambjenti naturali differenti. L-esperjenza ta' spazji pubbliċi miftuħa hija importanti għat-tfal peress li tipprovdilhom l-ewwel opportunità indipendenti biex jiffurmaw relazzjonijiet ma' nies li mhumiex membri tal-familja tagħhom.

Dan is-sett ta' għodod huwa prodott ta' proġett ta' riċerka li ppromwova r-riċerka parteċipattiva u ffoka fuq il-ġbir ta' għarfien dwar il-fehmiet u l-esperjenzi tat-tfal dwar l-ispazju fuq barra fi ħdan il-lokalità tagħhom stess. Il-proġett kien jiddependi fuq il-parteċipazzjoni sħiħa tat-tfal u ż-żgħażagħ u l-metodi diversi adottati biex tinġabar id-*data*, kienu mmexxija mit-tfal.

Dan il-proġett ta' riċerka kien maħsub biex iservi bħala proġett pilota. Billi jiġu estrapolati l-prinċipji ġenerali segwiti u t-tagħlimiet meħuda, dan is-sett ta' għodod ġie żviluppat biex jgħin lil oħrajn li jixtiequ jwettqu proġetti simili fejn it-tfal jistgħu jipparteċipaw fl-esplorazzjoni tal-użu, l-ippjanar u d-disinn ta' spazji pubbliċi miftuħa.

Il-lokalità magħżula għall-proġett intgħażlet minħabba popolazzjoni b'ħafna tfal, il-preżenza ta' spazji blu u ħodor, u l-possibbiltà li offriet għad-disinn ta' spazju miftuħ mit-tfal u ż-żgħażagħ.

# IR-RAĠUNAMENTI LI FUQHOM TFASSAL IL-PROĠETT FIL-BERAĦ

Ta' spiss, ir-referenza għall-ispazji miftuħa u d-disinni tagħhom twassal biex ħafna jassoċjaw ir-responsabbiltà għal dawn l-spazji miftuħa mal-kunsilli lokali, id-disinjaturi, id-disinjaturi tekniċi, l-arkitetti u l-pjanifikaturi. Fir-realtà, kulħadd għandu jkollu l-opportunità li jipparteċipa fl-ippjanar, fit-tfassil jew fl-iskambju ta' opinjoni dwar spazju miftuħ partikolari. It-tfal u ż-żgħażagħ mhumiex eċċezzjoni u m'għandhomx jiġu esklużi.

Meta t-tfal jipparteċipaw fl-ippjanar tal-viċinat, il-lokalità tkun qed tindirizza l-ħtiġijiet taċ-ċittadini u tippromwovi l-involviment attiv fi ħdan il-komunità lokali minn età bikrija. Dan l-ippjanar parteċipattiv jagħti s-setgħa u jimmotiva lit-tfal u liż-żgħażagħ biex jesprimu l-perspettivi u t-tħassib tagħhom dwar il-lokalità tagħhom. L-ippjanar parteċipattiv jgħin biex jinġabru opinjonijiet u esperjenzi differenti u biex jiġu proposti soluzzjonijiet li jindirizzaw aħjar ix-xewqat u l-ħtiġijiet ta' kulħadd. Permezz tal-parteċipazzjoni diretta u l-impenn dirett, it-tfal u ż-żgħażagħ jikkomunikaw ma' membri differenti tas-soċjetà, u b'mod aktar speċifiku ma' dawk li jinsabu fil-lokalità tagħhom stess. L-iżgurar li t-tfal u ż-żgħażagħ ikunu impenjati u involuti fil-provvediment ta' rispons dwar il-ħtiġijiet tal-komunità tagħhom joffrilhom il-possibbiltà li jaqsmu l-għarfien, il-perspettivi u l-esperjenzi tagħhom u b'hekk jikkontribwixxu għal ippjanar aħjar u aktar realistiku.  L-involviment tat-tfal u ż-żgħażagħ fi kwistjonijiet ċiviċi, jiżgura r-responsabbiltà u l-impenn tagħhom lejn il-komunità u proġetti fil-lokalità. Barra minn hekk, permezz ta' dan il-proċess, it-tfal jitgħallmu kif ikunu aktar kreattivi biex jiġġeneraw ideat u soluzzjonijiet u jiskopru l-potenzjal moħbi tagħhom.

# L-INVOLVIMENT TAT-TFAL FIL-PROĠETT FIL-BERAĦ: SOMMARJU

Fil-proġett Fil-Beraħ, il-parteċipazzjoni tat-tfal fit-tfassil ta' spazju miftuħ ġiet imfittxija permezz ta' diversi attivitajiet li saru fuq perjodu ta' sena. Matul dan iż-żmien, bl-appoġġ ta' tim ta' riċerka, it-tfal kienu ggwidati biex jirriflettu dwar il-lokalità tagħhom, jenfasizzaw elementi li jogħġbuhom dwar il-post, u jidentifikaw aspetti fejn ħassew li l-lokalità teħtieġ attenzjoni u investiment. Din ir-riflessjoni saret permezz ta' diskussjonijiet, attivitajiet u żjarat fuq il-post fi ħdan il-komunità tagħhom biex jivverifikaw l-ideat tagħhom dwar il-ħtiġijiet tal-lokalità, u biex issir sessjoni ta' skambju ta' ideat dwar xi bidliet possibbli.

Matul il-proġett u matul il-laqgħat li kienu organizzati, it-tfal kienu mistiedna juru fuq xiex kienu tkellmu u biex jieħdu ritratti taż-żoni li kienu rreferew għalihom. L-artefatti tagħhom ikkontribwew għal apprezzament viżwali tax-xogħol li qed isir, filwaqt li wrew l-ideat tagħhom u għenu biex dawn jipparteċipaw b'mod aktar kreattiv. Ir-ritratti li juru firxa ta' spazji fil-lokalità tagħhom, twaħħlu fuq mappa ta' format kbir imfassla apposta. Dan ikkontribwixxa għal fehim tridimensjonali tar-rekwiżiti tal-lokalità għat-titjib, kif ukoll jenfasizza l-ispazji li apprezzaw u ssodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom. Barra minn hekk, it-tfal ingħataw is-setgħa li jagħmlu suġġerimenti għat-tfassil ta' disinn aċċessibbli ta' spazju miftuħ fil-lokalità tagħhom, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi eżistenti fl-ambjent tal-madwar.

Lejn tmiem il-proġett, it-tfal iltaqgħu mal-membri tal-Kunsill lokali tal-lokalità tagħhom. Il-parteċipanti tal-proġett tkellmu b'kunfidenza dwar il-proġett u l-involviment tagħhom fih. It-tfal qasmu l-fehmiet tagħhom dwar żoni fil-lokalità tagħhom li tawhom sens ta' kburija u xi oqsma ta' tħassib. Huma ppreżentaw id-disinn tagħhom tal-ispazju miftuħ li kien ġie identifikat u ddiskutew il-possibbiltajiet li pprevedew il-pjanijiet tagħhom bil-għan li jiġu implimentati.

# IL-ĦIDMA PREPARATORJA QABEL IT-TNEDIJA TAL-PROĠETT

Sabiex proġett jitwettaq b'suċċess, jeħtieġ li jittieħdu diversi passi. Ħarsa ġenerali lejn l-istadji tal-proġett hija ppreżentata fil-figura ta' hawn taħt (Figura 1), segwita b'dettalji addizzjonali għal kull stadju fit-taqsimiet sussegwenti.




*Figura 1 - Ippjanar pass pass*

Il-Passi enfasizzati hawnhekk jistgħu jservu ta’ gwida biex jiġi replikat ix-xogħol imwettaq f’dan il-proġett. Kull stadju għandu jiġi modifikat jew adattat skont ir-rekwiżiti tal-proġett.

# PASS 1

## Waqqaf it-tim ewlieni li jmexxi il-proġett

It-tim ewlieni li jmexxi l-proġett għandu jkun magħmul mill-inqas minn tliet persuni (il-Kap tal-proġett u żewġ uffiċjali tal-proġett) idealment b’esperjenza, għarfien u ideat dwar il-ħidma mat-tfal u ż-żgħażagħ. L-esperjenza fir-riċerka mat-tfal u ż-żgħażagħ tkun ta’ vantaġġ sabiex tiġi mħeġġa, mmotivata u ffaċilitata l-parteċipazzjoni tat-tfal; sabiex jinbnew u jiġu żviluppati relazzjonijiet effettivi mal-parteċipanti; sabiex isiru għażliet xierqa ta’ għodod u metodi ta’ riċerka sabiex jimmassimizzaw il-benefiċċji li jistgħu joffru dawn ir-riżorsi.






It-tim għandu jippjana x-xogħol ta’ tħejjija għall-istudju jew il-proġett. Il-pjanijiet inizjali jeħtieġ li jqisu r-raġunament għall-istudju/proġett ta’ riċerka u r-riżultati li qed jiġu mfittxija; metodoloġija xierqa u adattata; organizzazzjoni u amministrazzjoni tal-proġett. It-tim jeħtieġ li jkollu raġunament ċar b’għanijiet ta’ riċerka/proġett li jistgħu jintlaħqu.

Is-suċċess ta’ riċerka parteċipattiva jew proġett ieħor ser jiddependi mill-parteċipazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ. It-tim għandu jirrikonoxxi għadd ta’ kunsiderazzjonijiet li ser jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tat-tfal u l-adolexxenti.

L-ewwel fost dawn il-kunsiderazzjonijiet insibu:

- ✓ il-karatteristiċi tal-parteċipanti u l-ħtiġijiet diversi li jista’ jkollhom;
- ✓ l-esperjenzi jew l-opportunitajiet limitati li l-parteċipanti seta’ kellhom ta’ involviment parteċipattiv;

- ✓ il-post fejn huwa mistenni li jsir il-proġett ta' riċerka; u
- ✓ meta, fejn u kif il-parteċipanti se jingħaqdu flimkien biex irawmu sens ta' impenn.

# PASS 2

## Ifhem il-ħtiġijiet tal-lokalità

Jekk wieħed jassumi li l-proġett ta' riċerka parteċipattiva ser jiffoka fuq id-disponibbiltà u l-użu ta' spazji pubbliċi miftuħa f'lokalità, il-lista ta' kontroll ta' hawn taħt hija analiżi utli tal-ħtiġijiet indikattiva tal-użu tal-ispazji pubbliċi mit-tfal.  Din tista' tintuża biex tappoġġja l-vijabbiltà tal-proġett.

### Lista ta' kontroll dwar l-użu tal-ispazju pubbliku mit-tfal fiż-żona

- It-tfal għandhom opportunitajiet biex iqattgħu ħin barra mal-ħbieb?
- It-tfal huma sodisfatti bl-ispazji tal-logħob u bl-opportunitajiet disponibbli?
- It-tfal huma sodisfatti bil-kwalità tal-ispazji lokali disponibbli għal-logħob?
- It-tfal u l-adolexxenti kemm qed iqattgħu ħin barra, jilagħbu ma' sħabhom?
- It-tfal għandhom aċċess għall-ispazji pprovduti għal-logħob fil-viċinat?
- X'inhi l-attitudni tal-adulti lejn it-tfal li jilagħbu barra fil-viċinat?
- Liema fatturi differenti qed jaħdmu flimkien biex jippromwovu l-logħob fil-beraħ u joħolqu esperjenzi ta' logħob?



Lista ta' kontroll tista' tintuża bħala stħarriġ introduttorju, li jista' jintbagħat lil kull dar fejn jgħixu t-tfal u l-adoloxxenti. Din tista' sservi wkoll bħala l-ewwel opportunità biex wieħed jinvolvi ruħu mat-tfal u ż-żgħażagħ fi ħdan il-komunità fiż-żjara tat-tim tar-riċerka/proġett jew biex jilħaq l-entitajiet f'lokalità fejn jiltaqgħu t-tfal u ż-żgħażagħ.

Skola

Ċentri ta' Duttrina/ Katekiżmu

Organizzazzjonijiet volontarji jew sportivi fiż-żona bħal Guides u Scouts

Postijiet oħra fejn it-tfal jiltaqgħu u jissoċjalizzaw ma' xulxin

Minbarra li tinkiseb informazzjoni diretta, is-sejbiet mill-istħarriġ jistgħu jkunu utli għall-istadju li jmiss tal-proġett, meta t-tfal u l-adoloxxenti jiġu reklutati bħala parteċipanti.

Aktar ma t-tfal jingħataw rwol u involviment dirett, aktar ikun hemm probabbiltà li l-proġett itenni l-ideat u l-ħtiġijiet tat-tfal.

**Permezz tal-proġett tagħna, il-biċċa l-kbira tal-elementi dwar il-ħtiġijiet tal-lokalità ġew magħrufa, speċifikament mill-kontribut tat-tfal. F'din it-taqsima tal-annessi tas-sett ta' għodod, tħejja u ġie mehmuż eżerċizzju ta' ħsieb u riflessjoni. Irreferi għal Anness I ta' dan l-eżerċizzju, sabiex tgħin lill-organizzazzjoni tiegħek, tħares lejn il-karatteristiċi u perspettivi oħra li jista' jkun hemm bżonn li jiġu kkunsidrati.**

**Xi suġġerimenti: Oqgħod attent għal dawn il-fatturi meta tqis liema żona għandek tagħżel bħala adattata għall-iskopijiet tal-proġett...**






*Figura 2 - Fatturi li jikkontribwixxu fil-ħsieb dwar il-ħtiġijiet tal-lokalità*

## Xi karatteristiċi tad-disinn li għandhom jiġu kkunsidrati

**Il-forniment ta' passaġġi għall-mixi biex jinkludu mogħdijiet, aċċess għall-korsiji tar-roti; postijiet biex taqsam it-triq frekwenti u sikuri; estensjonijiet ta' bankini.**

**Miżuri għall-moderazzjoni tat-traffiku li jippermettu aċċess sikur u l-użu tat-toroq bħala spazju soċjali.**

**Servizz tat-trasport pubbliku qrib l-ispazju maħsub biex jiffaċilita l-aċċessibbiltà.**

**Toroq iddisinjati biex jipprovdu għall-persuni mexjin u għall-karozzi.**

**Aċċess sikur għall-utenti kollha irrispettivament mill-età, il-kapaċità jew il-mezz tat-trasport.**

*Figura 3 - Karatteristiċi tad-disinn li għandhom jiġu kkunsidrati fl-ippjanar*

# PASS 3

## Identifika l-eżiti u l-perjodi ta' żmien tal-proġett

Bħal kull proġett ieħor, l-ippjanar realistiku huwa essenzjali meta jiġu kkunsidrati l-eżiti li għandhom jinkisbu, iż-żmien disponibbli biex jinkisbu dawn l-eżiti u r-riżorsi u r-riżorsi umani disponibbli.

**Passi pproġettati biex jintlaħqu l-eżiti fil-ħsieb** → **Stabbilixxi perjodu ta' żmien*** → **Pjan ta' azzjoni li jinkludi r-riżultati għal kull perjodu ta' żmien**

*Figura 4 - Pjan ta' azzjoni għall-eżiti u l-perjodi ta' żmien tal-proġett*

It-tul ta' żmien u d-domandi tal-proġett jiddependu fuq l-eżiti mixtieqa li kienu jkunu ddefiniti meta kien qed jitfassal il-proġett.

It-twaqqif ta' skeda ta' żmien tagħti indikazzjoni ċara lit-tim tal-proġett u lill-parteċipanti tal-proġett. Skala ta' żmien realistika tagħti lill-parteċipanti indikazzjoni tal-impenn mistenni u tabilħaqq possibbli. It-tfal u ż-żgħażagħ mhux dejjem ikunu disponibbli biex jagħtu l-kontribut tagħhom u biex ikunu involuti bis-sħiħ fil-proġett. Il-vaganzi tal-iskola u vaganzi oħra jistgħu joffru l-aħjar opportunitajiet biex jiġu stabbiliti l-laqgħat. It-tfassil ta' tbassir li juri d-dati għal-laqgħat jew iż-żmien meħtieġ għall-attivitajiet relatati mal-proġett ser jagħti lill-parteċipanti indikazzjoni tajba taż-żmien u l-impenn meħtieġ.

Il-mistoqsijiet li ġejjin joffru tagħrif dwar l-iskedi ta' żmien:




*Figura 5 - Għarfien dwar l-iskeda ta' żmien tal-proġett*

**Ħu nota:**
**Minkejja l-importanza li jkun hemm għanijiet ċari fir-rigward tal-proġett, kun flessibbli peress li t-tfal u l-adolexxenti ser ikunu qed jikkontribwixxu l-ideat tagħhom u jmexxu l-proġett skont ix-xewqat u l-ħtiġijiet tagħhom. L-ideat innovattivi tagħhom ser jiżguraw li l-proġett ikun tassew proprjetà tat-tfal u ż-żgħażagħ.**

Il-fatt li jkollok tweġibiet għall-mistoqsijiet riflettivi ta' hawn fuq jiffaċilita t-tfassil tal-eżiti u l-pjan attwali. Ir-reviżjoni tal-mistoqsijiet minn żmien għal żmien tista' sservi ta' gwida ulterjuri.

# PASS 4
## Ikkunsidra metodoloġiji, attivitajiet u għodod soġġetti għall-approvazzjoni tat-tfal

Ladarba jkunu ttieħdu deċiżjonijiet dwar l-eżiti li għandhom jinkisbu minn dan il-proġett, jeħtieġ li jintgħażlu l-metodi, li ser jgħinu biex jinvolvu l-parteċipazzjoni tat-tfal u biex tinkiseb l-informazzjoni t-tajba għad-disinn tal-ispazju miftuħ. Peress li dan huwa proġett immexxi mit-tfal li jirrikonoxxi lit-tfal bħala riċerkaturi fil-proġett, il-metodoloġiji għandhom jadottaw għodod u riżorsi li jinvolvu lit-tfal, jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tagħhom u joffru opportunitajiet ġenwini għalihom biex jaqsmu l-perspettivi tagħhom.

| Pariri għall-Ippjanar Parteċipattiv b'Suċċess | | |
|---|---|---|
| Informa lill-parteċipanti dwar ir-rwol u l-involviment mistenni minnhom fi ħdan il-proġett | Kun żgur li jsiru konverżazzjonijiet demokratiċi.<br><br>Kun żgur li l-parteċipanti kollha jkunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod kunfidenti | Mexxi d-diskussjoni<br><br>Diskussjonijiet ta' suċċess jeħtieġu ġestjoni tajba |

*Figura 6 - Pariri għall-ippjanar parteċipattiv b'suċċess*

F'konformità mal-prinċipji tar-riċerka parteċipattiva, it-tfal u l-adoloxxenti għandu jkollhom l-opportunità li:




*Figura 7 - Ir-rwol tat-tfal/taż-żgħażagħ fil-proġett*

## L-Approċċ Mużajk

L-Approċċ Mużajk (Clark u Moss, 2001) jippromwovi l-użu ta' metodi multipli sabiex tinġabar id-*data* mat-tfal u ż-żgħażagħ. Il-varjetà ta' metodi jgħinu biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni u l-involviment filwaqt li jindirizzaw ħiliet differenti li l-parteċipanti jista' jkollhom. Permezz ta' varjetà ta' tekniki li jistgħu jinkludu t-tpinġijiet, it-teħid ta' ritratti, l-immappjar, it-tfal u l-adulti żgħażagħ huma megħjuna jesprimu l-opinjonijiet tagħhom dwar is-suġġett tar-riċerka li qed jiġi esplorat jew investigat.

Fil-Beraħ, għamel użu mill-metodi murija fil-figura 9 hawn taħt:




*Figura 8 – Lista ta' metodi tal-approċċ Mużajk*

Il-figuri ta' hawn taħt jippreżentaw il-metodu ta' riċerka li jista' jintuża biex jistimula l-parteċipazzjoni tat-tfal b'xi dettalji li juru kif dan kien utli għall-proġett Fil-Beraħ.

*Djarji tal-Ivvjaġġar* [1]

**Djarji tal-Ivvjaġġar**

Id-Djarji tal-Ivvjaġġar jgħinu lit-tfal u lill-adulti żgħażagħ jesploraw il-mobilità tagħhom u l-interazzjoni soċjali tagħhom fil-viċinat. Esperjenzi li jiltaqgħu magħhom regolarment jistgħu jiġu identifikati. Jistgħu jittieħdu noti biex jiġu rreġistrati persuni li jgħixu fl-istess viċinat; użaw l-istess mezz ta' trasport. Id-djarji tal-ivvjaġġar juru l-valur attribwit mit-tfal għall-ispazji pubbliċi miftuħa u kif it-tfal iqattgħu l-ħin barra.

**Dak li għamilna**

It-tfal ingħataw ktejjeb żgħir biex ilestu djarju ta' ġimgħa skolastika normali u biex ilestu djarju ta' ġimgħa matul il-vaganzi.

*Tpinġijiet*

**Tpinġijiet**

It-tpinġijiet jippermettu lit-tfal u liż-żgħażagħ juru, jipproġettaw u jaqsmu l-ideat tagħhom. It-tpinġijiet b'hekk jgħinu lit-tfal jirriflettu fuq il-ħsibijiet tagħhom permezz tal-preżentazzjonijiet.

**Dak li għamilna**

It-tpinġija ġiet imħeġġa biex tgħin lit-tfal jiddeskrivu l-ambjent li jgawdu minnu kif ukoll biex juru l-aspetti fil-viċinat tagħhom li ma jogħġbuhomx. Il-parteċipanti intalbu wkoll ipinġu spazji li huma ideali għat-tfal kollha biex igawdu u jilagħbu fihom.

*In-Narrattivi tar-Ritratti*

**In-Narrattivi tar-Ritratti**

Il-parteċipanti rrakkontaw l-esperjenzi u l-emozzjonijiet li jħossu meta jkunu fl-ispazji differenti.

**Dak li għamilna**

Fil-bidu r-ritratti ttieħdu mir-riċerkatur. Dawn ir-ritratti wrew siti ewlenin fil-lokalità u għenu biex jistimulaw id-diskussjoni u għenu lit-tfal żgħar biex isibu spazji importanti li riedu jiffokaw fuqhom.

**Dak li għamilna**

Il-parteċipanti ntalbu jieħdu ritratti, li ddeskrivew narrattivi tal-esperjenzi regolari tagħhom.

Ir-ritratti għenu biex tinħoloq rappreżentazzjoni fotografika fuq mappa li tirreferi għal postijiet li ġew ivvalutati mit-tfal.

1 *Irreferi għall-Appendiċi II għall-kampjun Djarju tal-Ivvjaġġar*

Il-biċċa l-kbira tar-ritratti meħuda mit-tfal iffukaw fuq postijiet qrib id-djar tagħhom, u inkludew postijiet u toroq fejn huma jħossuhom komdi u li s-soltu jilagħbu fihom. Huma ħadu wkoll ritratti tal-postijiet li huma qiesu bħala perikolużi u fejn iridu jkunu akkumpanjati mill-adulti. Dawn ir-ritratti kienu jinkludu bankini dojoq, toroq mingħajr *sleeping policeman* fejn il-karozzi jsuqu b'mod perikoluż u l-qsim tat-triq b'mod sikur huwa problema.

***L-immappjar***[2]

**L-immappjar**

It-tfal jistgħu jimmappjaw żoni partikolari b'simboli speċifiċi u sinjali ta' kodiċi bil-kulur li jispjegaw sentimenti differenti dwar kull post partikolari fil-lokalità tagħhom. L-għodda tal-immappjar ser turi kif in-nies jagħmlu użu mill-post u liema żoni huma l-aktar frekwentati mill-adulti u t-tfal.

**Dak li għamilna**

Aħna użajna mappa bis-satellita u l-parteċipanti għamlu użu minn strixxi differenti ta' tejp ikkulurit fiż-żoni jew fit-toroq li jħossu li għandhom jingħataw attenzjoni. Huma rreġistraw ukoll noti, kitbu l-esperjenzi tagħhom fuq karti żgħar, u waħħluhom mal-post speċifiku fuq din il-mappa.

Jistgħu jintużaw mapep differenti biex jiddeskrivu lokalità jew żona partikolari f'lokalità bħal kif indikat fil-figura ta' hawn taħt.

**Mapep tal-użu tal-art**

**Irreferi għal kif l-art qed tintuża u qed tinżamm inkluża l-kundizzjoni tat-toroq, tad-djar, tal-għelieqi vojta u taż-żoni pubbliċi.**

**Mapep tal-moħħ/tar-riżorsi**

**Irreferi għal kif in-nies jipperċepixxu ż-żona kemm jekk hija amikevoli, pjaċevoli jew perikoluża.**

**Mapep ta' kburija**

**Irreferi għal aspetti fil-lokalità li huma sors ta' kburija għall-komunità u l-parteċipanti fir-riċerka. Dawn jistgħu jitfgħu dawl fuq il-valuri taż-żona u tal-viċinat.**

**Mapep tal-perikli**

**Irreferi għall-perikli possibbli madwar il-lokalità li t-tfal jistgħu jiġu ffaċċjati bihom.**

*Figura 9 - Tipi differenti ta' mapep*

2 *Irreferi għall-Appendiċi III għal diversi mapep li ntużaw fi ħdan il-proġett*

***Iddisinjar***

**Iddisinjar**

It-tfassil ta' spazju miftuħ fejn it-tfal u l-adoloxxenti kollha jistgħu jgawdu, billi jilagħbu u jinteraġixxu.

**Dak li għamilna**

Il-parteċipanti għażlu post li huma kkunsidraw bħala l-aħjar biex jindirizza l-ħtiġijiet, il-kapaċitajiet u l-gosti ta' kulħadd. Huma ġabru flimkien l-attivitajiet. Pereżempju l-fossa tar-ramel kienet qrib iż-żona tat-tafal u ż-żona żgħira tal-ġugarelli u tal-pupi. Iż-żoni tal-basketball u tal-futbol kienu qrib ħafna għaliex it-tnejn huma logħob bil-ballun.

**Dak li għamilna**

It-tfal qiesu s-sikurezza u s-sorveljanza.

Iż-żona tal-ewwel għajnuna kienet fi spazju ċentrali għal aċċess faċli. Is-siġar kienu pproġettati f'postijiet differenti b'bankijiet taħthom sabiex il-ġenituri jistrieħu u jżommu għajnejhom fuq uliedhom.

***Reġistrazzjonijiet bil-vidjow***

**Reġistrazzjonijiet bil-vidjow**

Għodda li taqbad il-kumplessitajiet u tħeġġeġ lit-tfal biex jipparteċipaw fil-proġett. Dan jenfasizza li huma parteċipanti attivi fil-komunitajiet tagħhom u huma kapaċi jsemmgħu t-tħassib u l-ħsibijiet tagħhom lill-adulti. Il-kunsens huwa importanti.

**Dak li għamilna**

L-idea li jiġu rreġistrati l-parteċipanti ġiet mit-tfal infushom li riedu jivvalutaw l-ispazju miftuħ attwali li kellhom disponibbli fil-lokalità tagħhom billi jispjegaw x'jaħdem u x'ma jaħdimx għall-grupp ta' età tagħhom.

# PASS 5

## Ippromwovi l-proġett fi ħdan il-komunità

It-tixrid tal-ideat u l-intenzjonijiet dwar il-proġett huwa l-pass naturali li jmiss fiċ-ċiklu tal-proġett. Sa issa, it-tim tal-proġett għandu jkun lesta analiżi tal-ħtiġijiet, fassal pjan ta' riċerka bl-eżiti mixtieqa, identifika l-metodi possibbli għall-użu, iddetermina t-tul ta' żmien għall-proġett kollu, qies kwalunkwe spiża finanzjarja, ħtiġijiet ta' riżorsi umani u kwistjonijiet organizzattivi. Il-pjanijiet tal-proġett jistgħu jiġu żvelati u kondiviżi ma' diversi entitajiet li huma strumentali fl-appoġġ u l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni tal-komunità. Il-kisba tal-appoġġ ta' nies li huma importanti fil-komunità, hija vitali għat-twettiq tal-proġett. Huwa importanti



li jkun hemm l-impenn tal-awtoritajiet biex jiġi implimentat proġett bħal dan, biex b'hekk jiġi żgurat li l-involviment tat-tfal u taż-żgħażagħ iwassal għal esperjenza verament kollaborattiva u parteċipattiva ta' ċittadinanza attiva minflok waħda ta' diżillużjoni.

## PASS 6

### Agħżel spazju aċċessibbli għal-laqgħat

Huwa essenzjali li jinstab l-ispazju fiżiku t-tajjeb biex wieħed jiltaqa' mal-parteċipanti. Il-post għandu jkun adattat, spazjuż, akkoljenti u komdu kemm għall-attivitajiet tax-xitwa kif ukoll tas-sajf, preferibbilment b'kumditajiet sabiex jitwettqu l-metodi li kienu jintgħażlu biex jippromwovu l-parteċipazzjoni tat-tfal. Dan jimplika li l-entità li tkun qed twettaq ir-riċerka jkollha bżonn tippjana u tipprovdi r-riżorsi meħtieġa li jistgħu jinkludu l-kartolerija u l-kameras diġitali li jkunu faċli biex jintużaw mit-tfal. L-aċċessibbiltà tal-post tal-laqgħa hija kunsiderazzjoni oħra. Idealment, il-post tal-laqgħa jkun f'post li t-tfal u ż-żgħażagħ jistgħu jilħqu b'mod sikur mingħajr ma jiddependu neċessarjament fuq l-adulti biex iwassluhom jew jiġbruhom.

## PASS 7

### Informa lit-tfal jew liż-żgħażagħ dwar il-proġett

Meta l-passi l-oħra kollha jkunu ċari u stabbiliti, il-ħaġa li jmiss hija li tinforma lit-tfal u/jew lill-adolexxenti dwar il-proġett. Hemm ħafna modi kif il-parteċipanti prospettivi għandhom jiġu infurmati dwar dan il-proġett.

## Id-distribuzzjoni tal-fuljetti ta’ tagħrif

Idealment, din l-ittra tintbagħat lil kull familja fil-lokalità bil-posta, u ma jkunx fiha dettall eċċessiv iżda biżżejjed fatti dwar il-proġett. Aktar ma din tkun ikkulurita u orjentata lejn it-tfal, aktar ikun aħjar peress li dan jista’ jżid il-probabbiltà li din tattira lir-riċevituri.

## Attività ta’ segwitu bieb bieb

Iż-żjarat bieb bieb jistgħu jkunu ta’ għajnuna biex jiġi żgurat li l-familji jkunu rċevew u fehemu l-fuljett ta’ tagħrif; biex it-tim tar-riċerka/proġett u l-komunità jsiru jafu lil xulxin, u biex tiġi ċċarata kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna l-proġett ta’ riċerka u l-objettivi tiegħu. (Irreferi għal-lista ta’ kontroll tal-ħtiġijiet tat-tfal fi ħdan il-lokalità)

## Informa lill-entitajiet lokali u agħmel avviżi

Ir-reklamar tal-proġett fl-iskola, permezz tal-Kunsill Lokali, permezz tal-kumitati tal-knisja fil-parroċċa, u kwalunkwe organizzazzjoni oħra li għandha t-tfal u ż-żgħażagħ fil-mira tagħha tista’ tgħin fir-reklutaġġ tal-parteċipanti. Jekk ikun hemm bordijiet għall-avviżi pubbliċi fil-komunità, jistgħu jintwerew l-avviżi.

*Figura 10 - Modi kif it-tfal jiġu involuti fil-proġett*

Ikun xi jkun il-metodu magħżul, agħti l-iskadenza tal-applikazzjoni, u l-pjan deskritt tal-proġett, biex tillimita n-nuqqas ta’ ftehim u li l-parteċipanti jitilqu waqt il-proġett.

# PASS 8

## Ikkuntattha lill-parteċipanti interessati

Ladarba l-grupp ta’ parteċipanti interessati jkunu ġew irreklutati, mur fil-lista li jmiss ta’ pariri u informazzjoni li għandhom jiġu kondiviżi magħhom kollha.



Kun ċar dwar l-għanijiet u l-objettivi tal-proġett, it-tul ta' żmien, il-ħinijiet li fihom il-parteċipanti huma mistennija jiltaqgħu, u idealment stabbilixxi d-dati minn qabel.

Introduċi lit-tim tal-proġett mal-ġenituri u l-kustodji u ma' dawk li qed jipparteċipaw fil-proġett biex isiru jafu lil xulxin.

Isma' kwalunkwe rispons li l-parteċipanti jagħtu fil-bidu tal-proġett peress li dan jista' jagħti bidu għal sensiela ta' attivitajiet li setgħu ma kinux antiċipati qabel.

Ħu miżuri etiċi li huma standard għall-proġetti mwettqa ma' kull min għandu inqas minn 18-il sena. Kun żgur li dawn il-miżuri jiġu segwiti b'mod kostanti u konsistenti matul il-proġett kollu.

Ikseb il-kunsens tal-ġenituri jew tal-kustodji għat-teħid ta' ritratti, reġistrazzjoni bil-vidjow, u reġistrazzjonijiet oħra. Kun konxju tal-kwistjonijiet etiċi li l-adulti għandhom jirrispettaw meta jaħdmu mat-tfal u ż-żgħażagħ.

Partat id-dettalji ta' kuntatt u stabbilixxi metodi għall-komunikazzjoni mal-ġenituri jew mal-kustodji u mal-parteċipanti bħal pereżempju permezz ta' grupp iddedikat fuq facebook. Dan se jiffaċilita l-komunikazzjoni fi kwalunkwe stadju tal-proġett.



# PASS 9

## Ikseb il-kunsens tal-ġenituri/kustodji u l-kunsens tat-tfal

Wara l-istadju tar-reklutaġġ, b'mod informali, huwa essenzjali li t-tfal u ż-żgħażagħ li jixtiequ jipparteċipaw, isiru jafu lil xulxin. Idealment, dan iseħħ waqt laqgħa introduttorja fejn it-tfal u ż-żgħażagħ parteċipanti kollha jkunu mistiedna jieħdu sehem f'għadd ta' attivitajiet li jgħinuhom biex jintroduċu lilhom infushom, isiru jafu dwar parteċipanti oħra, jagħmlu ħbieb ġodda u jibdew jiżviluppaw relazzjoni fi ħdan din il-komunità ta' riċerkaturi.

Il-ħidma mat-tfal u ż-żgħażagħ hija eċċitanti minħabba li dawn jistgħu jġibu livell għoli ta' enerġija, minbarra li jikkontribwixxu għall-proġett permezz ta' ideat innovattivi. Għal din ir-raġuni, huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-parteċipanti jibqgħu impenjati, motivati u involuti matul il-proġett kollu u huwa rrakkomandat li jiġu ppjanati xi attivitajiet informali tul il-ħajja tal-proġett.



# PASS 10

## Ibda l-proġett

Il-qari tal-passi kollha ta' hawn fuq u t-twettiq tagħhom għandhom jgħinu lill-inizjaturi tal-proġett jilħqu dan l-istadju fejn il-ġbir reali tad-*data* jista' jibda bis-serjetà. Meta wieħed iżomm f'moħħu li peress li t-tfal u ż-żgħażagħ huma involuti, minkejja li jkollhom il-pjan it-tajjeb, u sett ta' metodoloġiji, dawn huma soġġetti għal bidla skont kwalunkwe ħtieġa li tista' tinqala', u x-xewqat deskritti matul il-proċess tal-iżvilupp tal-proġett. Din hija r-raġuni għaliex dan is-sett ta' għodod enfasizza passi aktar milli stadji speċifiċi li għandhom jiġu replikati.

# RAKKOMANDAZZJONIJIET FINALI

Dan is-sett ta' għodod jirrakkomanda bil-qawwa l-parteċipazzjoni u l-involviment tat-tfal u l-adolexxenti fl-ippjanar spazjali u r-riġenerazzjoni urbana fi spazji pubbliċi miftuħa. Għalhekk, dawk li għandhom ir-responsabbiltà biex jirriġeneraw żoni fil-lokalità għandhom jiżguraw li l-parteċipazzjoni tat-tfal għandha tiġi inkluża fit-tfassil ta' spazji miftuħa u li l-fehmiet tat-tfal għandhom jiġu kkunsidrati f'kull eżerċizzju ta' tfassil ta' politika. L-aġenziji nazzjonali u l-kunsilli lokali għandhom jiddedikaw aktar attenzjoni għall-ħtiġijiet u x-xewqat tat-tfal u l-adolexxenti ta' gruppi ta' etajiet u sessi differenti.

# BENEFIĊĊJI TAL-PROĠETT

Għadd ta' benefiċċji jistgħu jkunu marbuta mat-twaqqif ta' proġetti simili għal Fil-Beraħ. Il-benefiċċji li ġejjin tfaċċaw bħala riżultat ta' dan il-proġett:

- Ġew promossi modi innovattivi għall-komunikazzjoni u d-diskussjonijiet bejn it-tfal u ż-żgħażagħ mal-membri tal-Kunsill Lokali; u
- Il-prattika li wieħed jisma' lit-tfal u ż-żgħażagħ u jivvalida l-ideat tagħhom ġiet stabbilita.
- It-tfal u ż-żgħażagħ fil-lokalità ingħataw is-setgħa li jkunu aktar attivi.
- Kien hemm aktar għarfien mit-tfal f'termini taż-żoni u l-ħtiġijiet differenti tal-lokalità;
- Il-Kunsill Lokali rrikonoxxa l-ideat imressqa u ħa din l-opportunità biex iwieġeb għall-ħtiġijiet u x-xewqat tat-tfal u ż-żgħażagħ li jgħixu fil-lokalità;
- Il-Kunsill Lokali kiseb għarfien u perspettivi biex jgħinuh fil-bini ta' bankini aħjar u fit-titjib tas-sikurezza fit-toroq; joħloq sens ta' komunità ċivika; itejjeb is-sikurezza ġenerali madwar il-lokalità; u jippromwovi l-iżvilupp ta' spazji għal-logħob tat-tfal, spazji miftuħa u żoni rikreazzjonali għall-familji li huma inklużivi b'riżultat tad-disinni u l-formats;

# REFERENZI


Clark, A. u Moss, P. (2001). Listening to young children: The Mosaic Approach. : National Children's Bureau. (Nisimgħu lit-tfal żgħar: L-Approċċ Mużajk) Uffiċċju Nazzjonali tat-Tfal

Foley, R. u Kistemann, T. (2015). Blue space geographies: enabling health in place. **Health and Place**, (Il-ġeografiji tal-ispazju blu: abilitazzjoni tas-saħħa fis-seħħ, **Is-Saħħa u l-Post**) 35, pp.157-165.

Francis, J. Wood, L.J., Knuiman, u M. Giles-Corti, B. (2012). Quality or quantity? Exploring the relationship between Public Open Space attributes and mental health in Perth, Western Australia, **Social Science and Medicine** (Nesploraw ir-relazzjoni bejn l-attributi ta' Spazju Pubbliku Miftuħ u s-saħħa mentali f'Perth, l-Awstralja tal-Punent, **Xjenza u Mediċina Soċjali),** 74, 10, pp.1570-1577

Frimkin, H. (2013). The evidence of nature and the nature of evidence. **American Journal of preventive medicine** (L-evidenza tan-natura u n-natura tal-evidenza. **Ġurnal Amerikan tal-mediċina preventiva**), 44, 2, pp. 196-197.

Greig, A. u Taylor, J. (1999) Doing Research with Children (Riċerka mat-Tfal), Sage Publications.

Kemmis, S., McTagart, R., u Nixon, R. (2013). The action research planner: Doing critical participatory action research. (Il-pjan ta' riċerka ta' azzjoni: Twettiq ta' riċerka ta' azzjoni parteċipattiva kritika.) Springer Science & Business Media.

Loebach, J. u Gilliland, J. (2010). Child-led tours to uncover children's perceptions and use of neighbourhood environments. **Children, Youth and Environments** (Żjarat immexxija mit-tfal biex jinkixfu l-perċezzjonijiet tat-tfal u l-użu ta' ambjenti tal-viċinat, **Tfal, Żgħażagħ u Ambjenti**), 20, 1, pp.52-90.

Taylor, L u Hochuli, D.F. (2017) Defining greenspace: Multiple uses across multiple disciplines, **Landscape and Urban Planning** (Id-definizzjoni tal-ispazju ekoloġiku: Użi multipli fost diversi dixxiplini, **Ippjanar tal-Pajsaġġ u dak Urban**), 158, pp. 25-38

Taylor, L. Hochuli, D.F. (2015) Creating better cities: How biodiversity and ecosystem functioning enhance urban residents' wellbeing. **Urban Ecosystems**, (Il-ħolqien ta' bliet aħjar: Kif il-bijodiversità u l-funzjonament tal-ekosistema jtejbu l-benesseri tar-residenti urbani) **Ekosistemi Urbani**, 18, 3, pp.747-762.

# ANNESSI

## Anness I – Aħseb u rrifletti dwar il-ħtiġijiet tal-lokalità

*Eżerċizzju ta' Ħsieb u Riflessjoni*

### Aħseb u Irrifletti:

Kif il-bini fil-viċinanzi, is-siġar, l-iskulturi, il-funtani, il-monumenti jew l-avvenimenti storiċi jħallu impatt fuq l-ambjent tal-madwar tal-post li qed jiġi kkunsidrat.

**Aspetti importanti li għandhom jingħataw attenzjoni meta jitfassal spazju fejn it-tfal jistgħu jilagħbu b'mod ħieles li jinkludi l-kwalitajiet u l-atmosfera li l-post joħloq**

### Aħseb u Irrifletti:

Dan l-ispazju ser ikun aċċessibbli faċilment għat-tfal kollha? Dan il-post huwa qrib jew 'il bogħod mid-dar? Il-post jinsab f'żona sikura? Iż-żona hija kbira biżżejjed biex tattira lit-tfal u l-adolexxenti? Hemm xi kumditajiet oħra orjentati lejn il-familja fil-viċinanzi?

**Il-post magħżul għandu jintlaħaq faċilment/ikun faċilment aċċessibbli għat-tfal biex dawn jilħquh b'mod indipendenti. Ikkunsidra d-distanza mid-djar u l-post.**

### Aħseb u Irrifletti:

X'logħob/attivitajiet jistgħu jitgawdew f'dan l-ispazju? It-tfal f'dan l-ispazju jistgħu jgawdu minn logħob fiżiku, kreattiv u soċjali?

**Il-post għandu jkollu l-proprjetajiet li jattiraw lit-tfal u l-adoloxxenti. L-ispazju miftuħ jista' jkollu żoni separati li jkunu adattati għal gruppi ta' etajiet differenti. Jeħtieġ li l-ispazju jipprovdi opportunitajiet għas-soċjalizzazzjoni u l-kreattività permezz ta' firxa ta' esperjenzi għal tfal ta' etajiet, sess, kapaċitajiet u interessi differenti.**

### Aħseb u Irrifletti dwar il-kunċett fiżiku:

Hemm spazju fejn it-tfal jistgħu jiġru, jaqbżu, jirkbu r-roti jew skuters? Hemm żona għall-iskateboarding? Hemm spazju għat-tfal biex jilagħbu jew jivvintaw logħob?

L-aċċessibbiltà għas-siġġu tar-roti hija biss aġġustament wieħed biex jiġu akkomodati l-persuni b'indeboliment fil-mobilità. Huwa importanti li jiġu rikonoxxuti l-ħtiġijiet għall-involviment soċjali u emozzjonali. L-ispazju għandu jkun disponibbli u aċċessibbli għat-tfal b'diżabbiltà u t-tfal li m'għandhomx diżabbiltà sabiex jilagħbu flimkien

### Aħseb u Irrifletti dwar id-dimensjoni tas-soċjalizzazzjoni:

Hemm postijiet kwieti fejn it-tfal u l-adolexxenti jistgħu jitkellmu flimkien u jilagħbu? Hemm spazju disponibbli għat-tfal biex jinteraġixxu ma' tfal ta' etajiet u kapaċitajiet differenti?

### Aħseb u Irrifletti dwar l-element kreattiv:

Dan l-ispazju għandu ramel, ħamrija jew funtana tal-ilma? Għandu spazju għal logħob immaġinattiv bħal dar tal-fantasija jew għerien, arbuxxelli, spazju kenni fejn wieħed jista' jaqra jew dar ta' fuq is-siġar biex jingħata bidu għal logħob immaġinarju u kreattiv? Għandu post fejn jistgħu jsiru attivitajiet ta' kant, żfin u reċtar?

### Aħseb u Irrifletti:

Wieħed x'jista' jsib u jara fl-ispazju tal-logħob? L-ispazju tal-logħob għandu affarijiet naturali bħal siġar, spazji ekoloġiċi, ramel, zkuk u blat?

**Dan l-ispazju għandu jinkludi kuntatt man-natura u jgħin lit-tfal iħossuhom sikuri waqt li jgawdu dan l-ispazju**

### Aħseb u Irrifletti:

Għandu affarijiet li jistgħu jiċċaqalqu minn post għall-ieħor sabiex ikunu jistgħu jintużaw għal firxa ta' logħob differenti? Hemm fjuri li jistgħu jattiraw insetti differenti jew fjuri kkuluriti bi rwejjaħ differenti? L-elementi naturali jippermettu l-iżvilupp sensorjali?

### Aħseb u Irrifletti:

Il-post huwa nadif u sikur? Huwa ħieles mill-vandaliżmu, l-iskart jew il-ħmieġ tal-klieb? Hemm periklu mit-traffiku? It-toroq huma qrib wisq?

**Preferibbilment, il-post magħżul ikun viżibbli għal dawk li jkunu għaddejjin mill-viċinanzi. Jekk faċilitajiet oħra jkunu viċin ħafna, dawk li jkunu għaddejjin mill-viċinanzi għandhom jipprovdu superviżjoni informali**

### Aħseb u Irrifletti:

Hemm nies li jistgħu jbeżżgħu lit-tfal? Hemm nies li qed jgħixu qrib li huma lesti li jgħinu jekk it-tfal isibu ruħhom fi problemi? It-toroq huma kkunsidrati bħala "toroq kompluti" u l-bankini huma sikuri biżżejjed biex jintużaw?



## Anness II – Djarji tal-ivvjaġġar

**Jum tal-ġimgħa:** ____________________

| Jekk jogħġbok għidilna fejn mort illum | Fejn mort? (eż. id-dar, il-ħanut, id-dar tan-nanna) | X'ħin mort hemmhekk? | Kif mort hemmhekk? | | | | | Ma' min mort? | | | | | Ma' min iltqajt fi triqtek? Immarka darbtejn jekk waqaft titkellem ma' persuna. | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Mixi | Rota | Karozza | Tal-linja | Oħrajn | Kont waħdi | Ġenitur/ adult | Ħabib/a/ ħbieb tiegħi | Ħija/ oħti/ ħuti | Oħrajn | Qarib (zija, kuġin) | Ħabib | Ħabib tal-ġenitur | Ġirien |
| Wara l-iskola | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Il-post li mort wara | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Il-post li mort wara | | | | | | | | | | | | | | | | |

- Minn fejn għaddejt? Penġi d-direzzjonijiet fuq mappa pprovduta (vjaġġar 1 blu, vjaġġar 2 aħmar, vjaġġar 3 aħdar)
- F'liema żona waqaft waqt li kont fi triqtek (Immarka b'X) (għaliex iltaqajt ma' sħabek (oranġjo X), għaliex xi ħadd li kien miegħek waqaf (isfar X))
- X'rajt fi triqtek? (tista' tuża r-ritratti)
- X'għoġbok waqt li kont fi triqtek? (tista' tuża r-ritratti)
- X'ma għoġbokx waqt li kont fi triqtek? (tista' tuża r-ritratti)

## Anness III – Eżerċizzju ta' mmappjar

It-tfal jingħataw mapep tal-viċinat tagħhom b'marki prominenti identifikabbli bħall-knisja u t-toroq. Dawn jistgħu jingħataw il-mapep għal kull wieħed minn dawn is-**7 eżerċizzji** u tfal differenti ser jimmappjawhom separatament.

1. Bini
2. Faċilitajiet formali għal-logħob fuq barra
3. Spazju pubbliku
4. Mudell tat-triq
5. Sikurezza tat-traffiku
6. Il-karatteristiċi tal-viċinat relatati mal-ambjent soċjali
7. L-immappjar ta' żoni li jistgħu jkunu mmirati għal titjib

### Eżerċizzju ta' mmappjar 1 - Binjiet

Immarka jew skura

1. immappja d-djar tat-tfal li jgħixu qrib tiegħek (tikka ħamra)
2. skura (u mmarka) l-binjiet mitluqa fil-viċinat tiegħek (bil-kannella)
3. skura l-binjiet miżmuma tajjeb fil-viċinat tiegħek (bil-vjola)
4. skura bini importanti (roża)

**IMPORTANTI**

| | |
|---|---|
| Djar tat-tfal | (tikka ħamra) |
| Binjiet abbandunati | (kannella) |
| Binjiet miżmuma | (vjola) |
| Binjiet importanti | (roża) |

### Eżerċizzju ta' mmappjar 2 - Faċilitajiet formali għal-logħob fuq barra

Immarka jew skura

1. Spazji għal-logħob tat-tfal (isfar)
2. Bitħa tal-iskola (oranġjo)
3. Spazju miftuħ ippavimentat (roża)
4. Spazju sikur għall-użu tar-roti jew mogħdijiet għall-iskejz bir-roti/ (vjola)

**IMPORTANTI**

| | |
|---|---|
| Spazji għal-logħob tat-tfal | (isfar) |
| Bitħa tal-iskola | (oranġjo) |
| Spazju miftuħ ippavimentat | (roża) |
| Spazju miftuħ għar-rota jew għall-iskejz bir-roti | (vjola) |

### Eżerċizzju ta' mmappjar 3 - Spazju Pubbliku

Immarka jew skura

1. Immappja l-preżenza ta' spazju ekoloġiku (aħdar)
2. Għadira/ funtana (vjola)
3. Bajja (blu ċar)
4. Linja tal-kosta mimlija blat (blu skur

**IMPORTANTI**

| | |
|---|---|
| spazju aħdar | (aħdar) |
| għadira/ funtana | (vjola) |
| Bajja | (blu ċar) |
| linja tal-kosta mimlija blat | (blu skur) |

## Eżerċizzju ta' mmappjar 4 - Mudell tat-triq

Immarka jew skura
1. Bankina f'kundizzjoni tajba (oranġjo)
2. Bankina f'kundizzjoni ħażina (aħmar)
3. L-ebda bankina (iswed)
4. Sikur biex timxi (isfar)
5. Mhux sikur biex timxi (vjola)
6. Il-korsiji għaċ-ċiklisti/il-possibbiltà tal-użu tar-roti (aħdar)

**IMPORTANTI**

| | |
|---|---|
| Bankina f'kundizzjoni tajba | |
| Bankina f'kundizzjoni ħażina | |
| L-ebda bankina | |
| Sikur biex timxi | |
| Mhux sikur biex timxi | |
| Korsiji għaċ-ċiklisti | |

## Eżerċizzju ta' mmappjar 5

Immarka jew skura
1. Volum għoli ta' traffiku (aħmar)
2. Volum medju ta' traffiku (roża)
3. Volum baxx ta' traffiku (isfar)
4. Immarka l-veloċità mgħaġġla tas-soltu (vjola)
5. Il-veloċità medja tas-soltu (blu)
6. Il-veloċità baxxa tas-soltu (blu ċar) u
7. Immarka l-ispazji tal-parkeġġ li s-soltu jkunu meħuda (kannella)
8. Żoni fejn l-ispazji tal-parkeġġ normalment ikunu vojta (ħodor)

**IMPORTANTI**

| | |
|---|---|
| Volum għoli ta' traffiku | |
| Volum medju ta' traffiku | |
| Volum baxx ta' traffiku | |
| Veloċità mgħaġġla | |
| Veloċità medja | |
| Veloċità baxxa | |
| Spazji tal-parkeġġ normalment mimlija | |
| Spazji tal-parkeġġ normalment vojta | |

## Eżerċizzju ta' mmappjar 6 - Karatteristiċi tal-Viċinat relatati mal-ambjent soċjali

Immarka jew skura
1. Immarka fejn tista' tara n-nies bilqiegħda fuq bankijiet jew fejn in-nies jieqfu jitkellmu (aħmar)
2. Triq nadifa (blu ċar)
3. Triq maħmuġa (kannella)
4. Barmil għall-iskart (iswed)
5. Graffiti/vandaliżmu (vjola)
6. Dawl adegwat (aħdar)
7. Dawl baxx (oranġjo)
8. L-ebda dawl fit-toroq (griż)
9. Soċjalment sikur (roża)
10. Triq li tkun soċjalment perikoluża (blu skur)

**IMPORTANTI**

| | |
|---|---|
| Nies li jitkellmu fit-triq | |
| Triq nadifa | |
| Triq maħmuġa | |
| Barmil għall-iskart | |
| Graffiti/ vandaliżmu | |
| Dawl adegwat | |
| Dawl baxx | |
| L-ebda dawl fit-toroq | |
| Soċjalment sikur | |
| Triq li tkun soċjalment perikoluża | |

## Eżerċizzju ta' mmappjar 7 - Immappjar ta' żoni li jistgħu jkunu mmirati għal titjib

Immarka jew skura
1. Għal spazji aktar ekoloġiċi (aħdar)
2. Għall-użu tat-tfal (oranġjo)
3. Għall-użu tal-pubbliku ġenerali (vjola)

**IMPORTANTI**

| | |
|---|---|
| Għal spazji aktar ekoloġiċi | |
| Għall-użu tat-tfal | |
| Għall-użu tal-pubbliku ġenerali | |

**The Malta Foundation for the Wellbeing of Society**
Maison Notre Dame,
St Calcedonius Square
Floriana, FRN 1530
*Email:* info.mfws@gov.mt